**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta , 24 ta' Settembru, 2019**

**Rikors nru: 247/19 AGV**

**AB (14674 M)**
**Vs**
**CB (12382A)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezenta mir-rikorrenti , fid-29 ta' Mejju, 2019 , li permezz tieghu pprezentat it-talbiet segwenti:-

Illi l-esponenti zzewget lill-intimat, fl-14 ta Frar, tas-sena elf , disa' mija u tmienja w disghin (1998) , skont certifikat anness u mmarkat Dok A;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom , permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja, fl-atti tan-Nutar Dottor Timothy Ellis, datat sebgha (7) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u ghaxra (2010) , kopja annessa ma' dawn l-atti u mmarkata bhala Dok B;

Illi, minn dan iz-zwieg, twieldu zewgt ulied, D , li twieldet fit-2 ta ' Frar 2002 u E , li twieled fl-14 ta' Dicembru, 2003.

Illi, l-intimat, qieghed ihallas b'mod regolari l-manteniment, ghall-bzonnijiet ta' uliedu minuri D u E, ai termini tal-imsemmi kuntratt , hlief ghaz-zieda perjodika, skont l-gholi tal-hajja.

Illi, ghaddew ferm aktar minn erba' (4) snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin , u , ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi, ghalhekk, jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha mal-intimat CB , bhala mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi ;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghaldaqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku , skont il-ligi.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-partijiet ;

**DECIDE**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**